

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2497

tat-12 ta' Ottubru 2022

li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 fir-rigward tat-taqsimiet ta' Franza u tar-Renju Unit fin-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi network għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħi,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 fih lista tat-taqsimiet tan-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabbiltà Agrikola ("taqsimiet FADN") għal kull Stat Membru.
- (2) F'konformità ma' dak l-Anness, Franza għandha 25 taqsima. Għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, Franza talbet li t-taqsimiet FADN ta' Guadeloupe u Martinique jingħaqdu fit-taqsimata FADN waħda: Antilles françaises. Dik it-talba hija ġustifikata: l-azjendi agrikoli fiż-żewġ taqsimiet FADN attwali għandhom tipi simili ħafna ta' biedja (speċjalizzati ħafna fit-tkabbir tal-frott, b'mod partikolari tal-banana, u fil-produzzjoni tal-kannamieli u l-ortikultura) u t-twaħħid tat-taqsimiet Guadeloupe u Martinique fit-taqsimata FADN waħda se jipprovd kampjuni akbar u għalhekk riżultati aktar sodi dwar aktar tipi ta' biedja. Għaldaqstant, dak it-twaħħid jenħtieġ li jiġi rifless fil-lista tat-taqsimiet FADN stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.
- (3) Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, id-data tal-FADN mhix se tibqa' tinġabar f'dak il-pajjiż. Għalhekk, ir-Renju Unit jenħtieġ li jitneħħa mil-lista tat-taqsimiet FADN stabbilita fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009.
- (4) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Biex jingħata biżżejjed żmien biex il-ġbir tad-data jiġi adattat għat-taqsimata l-ġdidha ta' Franza, jenħtieġ li l-lista aġġornata tat-taqsimiet FADN prevista f'dan ir-Regolament tibda tapplika mis-sena kontabilistika 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 hu emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

(¹) ĠU L 328, 15.12.2009, p. 27.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jibda jaapplika mis-sena kontabilistika 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 hu emendat kif ġej:

(1) il-lista tat-taqsimiet FADN ta' Franza hi sostitwita b'dan li ġej:

- “Franza
1. Île de France
 2. Champagne-Ardenne
 3. Picardie
 4. Haute-Normandie
 5. Centre
 6. Basse-Normandie
 7. Bourgogne
 8. Nord-Pas de Calais
 9. Lorraine
 10. Alsace
 11. Franche-Comté
 12. Pays de la Loire
 13. Bretagne
 14. Poitou-Charentes
 15. Aquitaine
 16. Midi-Pyrénées
 17. Limousin
 18. Rhône-Alpes
 19. Auvergne
 20. Languedoc-Roussillon
 21. Provence-Alpes-Côte d'Azur
 22. Corse
 23. Antilles françaises
 24. La Réunion”;

(2) l-entrata għar-Renju Unit titħassar.
